# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Sebgħa (7) ta’ Lulju 2021**

**Rikors Numru 587/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Metropolis Developments Limited**
**(C 35533)**

**Vs**

**Professur Erick van Egeraat, detentur tal-passaport Olandiż bin-numru ta’ reġistrazzjoni NPCL7K585 u Erick van Egeraat Beheer BV soċjeta’ reġistrata mal-Kamra tal-Kummerċ Olandiża bin-numru ta’ reġistrazzjoni 24387431**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta’ Ġunju 2017, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti, bil-ġurament ta’ Galal Ibrahim Husni Bey, talbet s-segwenti:

    1. *Illi permezz ta’ nota għall-iskrizzjoni ta’ privileġġ speċjali u ipoteka legali speċjali fil-volum ittra “H" u bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, l-intimat Professur Erick van Egeraat, f’ismu proprio u għan-nom u in rappreżentanza ta’ Erick van Egeraat Beheer BV ottjena fit-8 ta’ Frar 2017 l-iskrizzjoni ta’ privileġġ speċjali u ipoteka legali speċjali fuq l-art li qabel kienet okkupata minn kumpless ta’ bini konsistenti f’garaxxijiet, imħażen, uffiċini u*

*showroom lkoll magħrufa bħala "Mira Buildings", ġia magħrufa bħala "Mamo Complex" bl-entrata prinċipali min-numru mija u tmienja u erbgħin f'Rue D'Argens, Gżira, xi drabi indikat ukoll bħala li jinsab fil-limiti tal-Imsida u li għandu entraturi oħra mingħajr isem u mingħajr numri fit-toroq hawn taħt imsemmija, liema kumpless jikkonfina mill-Lvant ma' Triq Testaferrata, mill-Punent ma' Rue D'Argens, mit-Tramuntana ma' Triq Enrico Mizzi u minn Nofsinhar ma' Triq Giorgio Mitrovich, liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż l-arja sovrastanti u l-basement u l-ġibjuni sottostanti bil-kejl approssimattiv ta' sebat elef metri kwadri (7000 m.k.) kif aħjar deskritta fuq in-nota ta' iskrizzjoni hawn annessa u mmarkata dokument "MD1";*

2. *Illi l-imsemmija iskrizzjoni saret abbusivament u llegalment billi ġiet iskritta bħala garanzija għall-ħlas ta' servizzi privileġġjati skond l-Artikolu 2010 tal-Kodiċi Ċivili, allegatament "rappreżentanti spejjeż u prezz għal xogħolijiet professjonali reżi mill-kreditur proprio et nomine bħala arkitett fuq l-immobbli [...] propjeta' tas-soċjeta' debitriċi u dan fuq inkarigu tal-istess soċjeta' debitriċi, liema xogħolijiet professjonali ġew terminati fit-tlieta u għoxrin ta' Diċembru, elfejn u sittax (23/12/2016)";*

3. *Illi in kwantu għall-pretensjonijiet tal-intimati kif iskritti permezz tal-iskrizzjoni surreferita bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, jiġi rilevat illi x-xogħol imwettaq mill-intimati, jew min minnhom, fir-rigward tal-istess sit, sar fil-kors tal-parteċipazzjoni tagħhom f'kompetizzjoni arkitettonika organizzata mir-rikorrenti;*

4. *Illi għall-kull buon fini jiġi rilevat illi l-kompetizzjoni arkittetonika suriferita ma kinitx miftuħa għal kulħadd iżda kienet ristretta għal numru ta' konkorrenti li kienu ġew mistiedna jipparteċipaw fiha; illi waħda mill-mistednin kienet id-ditta (Designed by) Erick van Egeraat B.V. wara li din ippreżentat il-kredenzjali tagħha lir-rikorrenti; Illi madankollu din id-ditta eventwalment ġiet sostitwita mill-intimati wara li d-ditta (Designed by) Erick van Egeraat B.V. daħlet f'falliment u dan għall-insaputa tar-rikorrenti;*

5. *Illi fi kwalsiasi każ, il-konvenuti, jew min minnhom, diġa tħallsu għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjoni suriferita skond it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istess kompetizzjoni, liema termini u kondizzjonijiet kienu ġew aċċettati minnhom stess (ara dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok MD2 u Dok MD3);*

6. *Illi l-intimati ma ngħataw ebda inkarigu mir-rikorrenti biex iwettqu xogħolijiet professjonali fuq l-imsemmija immobbli barra mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-kompetizzjoni suriferita;*

7. *Illi skond it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istess kompetizzjoni "The winning participant will be invited to enter into negotiations with the Company in respect of the execution of the Agreement for the Provision of Consultancy Services (the "Agreement ') referred to in section 2.3 above. Provided that the Company shall not be bound to conclude negotiations with the winning participant or with any other person and may cancel, suspend or otherwise terminate negotiations relating to the Agreement, at any time, without incurring liability to the winning participant or any other person and without being obliged to inform the winning participant or any other person of the reason for so doing." Di piu n-negozjati msemmija kienu soġġetti għat-termini u l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni, inkluż "The competition winner shall agree, as an integral part of the Agreement for the Provision of Consultancy Services, to collaborate with the local support architect [EM Architects], the engineering consultant and any other consultant and, or service provider appointed by the Company."*

8. *Illi fit-22 ta' Diċembru, 2016 ir-rikorrenti avżat lill-intimati illi in segwitu għall-għażla tat-18 ta' Ottubru, 2016 u wara l-falliment tan-negozjati bejn il-partijiet fir-rigward tal-inkarigu prospettiv tal-konvenuti, in-negozjati bejn il-partijiet ġew mitmuma u li għalhekk ir-rikorrenti ma kinitx ser tinkariga lill-intimati sabiex irendu s-servizzi tagħhom lir-rikorrenti stante nuqqas ta' ftehim;*

9. *Illi fi kwalsiasi każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati għandhom jipprovaw illi huma kienu debitament awtorizzati skond il-liġi Maltija sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' perit f'Malta;*

10. *Illi għalhekk la l-intimat Professur Erick van Egeraat f'ismu proprio u lanqas is-soċjeta' estera Erick van Egeraat Beheer BV ma huma intitolati għall-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali u ipoteka speċjali legali li fil-fatt ġew iskritti;*

11. *Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lill-intimat f'ismu proprio u għan-nom u in rappreżentanza ta' Erick van Egeraat Beheer BV biex iħassar u jirrevoka a spejjeż tiegħu l-privileġġ speċjali u l-ipoteka speċjali premessi, iżda dan baqa' inadempjenti;*

12. *Illi għalhekk kellha ssir din il-preżenti kawża;*

13. *Illi l-esponent jaf bil-fatti suesposti personalment u qiegħed jikkonferma l-preżenti rikors ġuramentat wara illi l-kontenut tiegħu ġie tradott (traduzzjoni hawn annessa u mmarkata Dok MD4) u spjegat lilu bil-lingwa Ingliża;*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost jgħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

1. *Tiddikjara għar-raġunijiet premessi f'dan ir-rikors li l-privileġġ speċjali u l-ipoteka legali speċjali fil-volum bl-ittra "H" u bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, iskritti fit-8 ta' Frar 2017 fuq l-art li qabel kienet okkupata minn kumpless ta' bini konsistenti f'garaxxijiet, imħażen, uffiċini u 'showroom' lkoll magħrufa bħala "Mira Buildings", ġia magħrufa bħala "Mamo Complex" bl-entrata prinċipali min-numru mija u tmienja u erbgħin (148), f'Rue D'Argens, Gżira, xi drabi indikat ukoll bħala li jinsab fil-limiti tal-Imsida u li għandu entraturi oħra mingħajr isem u mingħajr numri fit-toroq hawn taħt imsemmija, liema kumpless jikkonfina mill-Lvant ma' Triq Testaferrata, mill-Punent ma' Rue D'Argens, mit-Tramuntana ma' Triq Enrico Mizzi u minn Nofsinhar ma' Triq Giorgio Mitrovich, liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż l-arja sovrastanti u l-basement u l-ġibjun sottostanti bil-kejl approssimattiv ta' sebat elef metri kwadri (7000 m.k.) kif aħjar deskritta fuq in-nota ta' iskrizzjoni hawn annessa u mmarkata dokument "MD1" saru abusivament u illegalment;*

2. *Tordna lill-intimati jikkanċellaw a spejjeż tagħhom il-privileġġ speċjali u l-ipoteka legali speċjali fil-volum bl-ittra "H" bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, iskritti fit-8 ta' Frar 2017 fuq l-immobbli deskritta fl-ewwel talba u kif aħjar deskritta fuq in-nota ta' iskrizzjoni hawn annessa u mmarkata dokument "MD1" entro t-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa u taħtar nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' kanċellament relattiv kif ukoll taħtar kuraturi deputati sabiex fin-nuqqas li l-intimati, jew min minnhom, jonqsu milli jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv, jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċji fuq l-att konċernat;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni u b'riżerva ta' kull dritt ta' azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti, inkluż għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kwalunkwe danni li jirriżultaw mill-aġir tal-intimati.*

2. Rat illi fl-4 ta' Awissu 2017, l-intimati rrispondew għal dak mitlub billi ressqu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi għandhom jiġu miċħuda billi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-privileġġ speċjali u l-ipoteka speċjali illi ġew iskritti mill-eċċipjenti permezz tan-nota fil-volum ittra "H" bin-Numru Progressiv '2500' tas-sena 2017 fuq il- proprjeta' in kwistjoni ġew iskritti sabiex jikkawtelaw l-ammont*

*dovut mis-soċjeta' attriċi lill-eċċipjenti rappreżentanti servizzi professjonali reżi minnhom fuq inkarigu tagħha stess u spejjeż relatati inkorsi minnhom fil-kors tal-prestazzjoni tas-servizzi imsemmija u dan kif ser jirriżulta bl-iktar mod ampju waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri;*

2. *Illi għal kull buon fini l-eċċipjenti kategorikament jiċħdu illi l-kreditu illi għandhom versu s-soċjeta' attriċi ġie kawtelat tramite l-iskrizzjoni tal-privileġġ speċjali u l-ipoteka speċjali in kwistjoni b'mod abbużiv jew illegali jew li l-istess kreditu huwa b'xi mod limitat bit-termini u kundizzjonijiet illi ssir riferenza għalihom fil-ħames (5) premessa tar-Rikors promotur u dan kif ser jirriżulta ampjament ċar fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

3. *Illi inoltre l-allegazzjoni vantata mis-soċjeta' attriċi fis-sens illi l-eċċipjenti, jew min minnhom, ma għandhomx dritt għal jew li jikkawtelaw il-kreditu tagħhom versu lejha hija interament bla bażi kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi skartata;*

4. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda;*

5. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

3. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2017 il-kawża ġiet differita għall-provi.

## Provi

4. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, ossija l-Privileġġ Speċjali u Ipoteka Legali Speċjali Nru 2500/2017 (fol 6), dokument intitolat '*Metropolis Architectural Competition*' (fol 7) u dokument datat 13 ta' Ġunju 2016 fejn l-intimati indikaw illi kien l-intenzjoni tagħhom illi jippreżentaw offerta għal 'Metropolis Architectural Competition'.

5. Rat l-affidavit ta' **Galal Ibrahin Husni Bey**, ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2017 (fol 74) u d-dokumentazzjoni miegħu annessi.

6. Rat l-affidavit ta' **Aidan Barker**, ippreżentat fl-20 ta' Frar 2018 (fol 97) u l-korrispondenza minnu ppreżentata bejn l-intimat Erick van Egeraat u Barker kif ukoll Husni Bey.

7. Rat ix-xhieda tal-**Perit Edwin Mintoff** mogħtija fit-18 ta' April 2018. (fol 120)

8. Rat ix-xhieda ta' Aidan Barker mogħtija fil-5 ta' Ġunju 218 (fol 124) u dokumentazzjoni minnu ppreżentati.

9. Rat id-dokument eżebit mill-Periti Warranting Board fuq rikjesta tas-soċjeta' rikorrenti, li huwa Warrant għall-Eżerċizzju tal-professjoni ta' Perit maħruġ lil Erick L.J.M. van Egeraat fl-1 ta' Diċembru 2016 (fol 141).

10. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019, din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

11. Rat illi fl-4 ta' Frar 2020, l-konsulenti legali ta' l-intimati irrinunzjaw għall-patroċinju tagħhom (fol 152-153).

12. Rat id-dokumenti eżebiti mis-soċjeta' rikorrenti fl-20 ta' Ottubru 2020, ossija Ittri Uffiċjali mibgħuta lill-intimati fit-3 ta' Marzu 2017 u l-25 ta' Frar 2019, kif ukoll Ittra Uffiċjali mibgħuta mill-intimati fil-15 ta' Frar 2017 (fol 163).

13. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2020, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

14. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2020, il-kawża ġiet differita għall-provi intimati.

15. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2020, la l-intimati u wisq anqas il-konsulenti legali tagħhom ma dehru l-Qorti u ma tressqu ebda provi intimati, u għalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi intimati bħala magħluqa.

16. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2020 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

17. Rat illi fid-19 ta' Frar 2021, is-soċjeta' rikorrenti talbet illi tagħmel sottomissjonijiet orali.

18. Rat illi fit-22 ta' April 2021, is-soċjeta' rikorrenti talbet illi tagħmel is-sottomissjonijiet orali fis-seduta li jmiss.

19. Semgħet it-trattazzjoni tal-konsulent legali tas-soċjeta' rikorrenti illi saret fit-8 ta' Ġunju 2021.

20. Rat illi fl-erbgħa seduti tas-16 ta' Diċembru 2020, 19 ta' Frar 2021, 22 ta' April 2021 u 8 ta' Ġunju 2021, la l-intimati u wisq anqas xi konsulenti legali tagħhom ma dehru l-Qorti.

21. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

## Fatti

22. Jirriżulta, mill-provi prodotti unikament mis-soċjeta' rikorrenti, ladarba l-intimati ma ressqu ebda provi quddiem din il-Qorti, illi s-soċjeta' rikorrenti hija sid ta' propjeta' ġewwa Rue D'Argens, Gżira magħrufa bħala "Mira Buildings".

23. Jirriżulta illi l-intimat Erick van Egeraat huwa Perit Arkitett debitament ċertifikat mill-Bord tal-Warrant tal-Periti u mogħti Warrant għall-Eżerċizzju tal-Professjoni ta' Perit f'Malta fl-1 ta' Diċembru 2016. (fol 141)

24. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti kellha intenzjoni illi tagħmel proġett li sejħitlu 'Metropolis Skygardens' u tiżviluppa s-sit, fejn bdiet billi ħaffret is-sit ta' żvilupp.

25. Jirriżulta illi, sussegwentement, f'Mejju tas-sena 2016, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet sejħa privata lil ħdax-il ditta estera ta' arkitetti għal kompetizzjoni msejjħa '***Metropolis Architectutal Competition***'

26. Jirriżulta illi a tenur tat-termini ta' Artikolu 5.1.3 tar-Regoli tal-kompetizzjoni kien hemm premju maħsub w r-regoli kienu jgħidu hekk: (fol 48)

    *Prize Awards*

    *The following are the award prizes*

    *1st Prize - €40,000*

    *The rest of the participants will be awarded €10,000 to cover any expenses incurred during the development of their submission. Save as otherwise provided herein, participants shall bear all costs incurred in the preparation and submission of competition entries, including any actions referred to in these instructions in connection with the competition. The Company shall not be responsible or liable for any such costs regardless of the conduct or outcome of the Competition process.*

    *The winning participant will be invited to enter into negotiations with the Company in respect of the execution of the Agreement for the Provision of Consultancy Services: (the "Agreement") referred to in section 2.3 above. Provided that the Company shall not be bound to conclude negotiations with the winning participant or with any other person and may cancel, suspend or otherwise terminate negotiations relating to the Agreement at any time, without incurring liability to the winning participant or any other person and without being obliged to inform the winning participant or any other person of the reasons for so doing.*

    *The winning participant will be announced on the Metropolis website and will be informed by e-mail. All parties would be informed by email of the awards. The 2nd to 5th projects will be commended for their high quality standard.*

27. Jirriżulta illi a tenur tal-Artikolu 2.3 ta' l-istess Regolament, (fol 17)

    *Invited participants who have confirmed their participation in the Competition shall receive a draft of the Agreement 'for the Provision of*

*Consultancy Services (the 'Agreement')' which the Company intends to execute with the selected participant. The Agreement will be drafted in the English language and will be made available to participants on or by the date that will be comunicated in written.*

28. Jirriżulta illi l-intimat Erick van Egeraat u s-soċjeta' Beheer Erick van Egeraat, fit-13 ta' Ġunju 2016, għarrfu illi kienu intenzjonati illi jippreżentaw il-proposti tagħhom għal tali kompetizzjoni. (fol 54)

29. Jirriżulta illi eventalment, il-ġurija responsabbli għall-kompetizzjoni fuq imsemmija, li kienet tinkludi rappreżentanti tas-soċjeta' rikorreni, kemm bħala membri kif ukoll bħala Chairman, iddikjarat il-proposta ta' l-intimati bħala dik rebbieħa.

30. Jirriżulta, iżda, illi fid-deċiżjoni tagħha, il-ġurija kienet indikat li l-pjan kif propost mill-intimati seta' kellu elementi ta' 'plagiarism' fih u għalhekk insistew illi fi kwalsiasi diskussjonijiet li kellhom isiru dwar il-proġett, l-intimati kellhom ibiddlu d-disinn sabiex il-proġett ikun wieħed oriġinali u ma jkunx hemm kwistjoni ta' "proprietary rights' fuq id-disinn adottat.

31. Jirriżulta illi, fid-diskussjonjiet illi bdew għaddejjin bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-intimati, l-intimati oġġezzjonaw għal fatt li ġie lilhom allegat li l-proġett kien meħud minn fuq proġett ieħor, u nsistew illi kien oriġinali.

32. Jirriżulta illi, riżultat ta' tali diffikultajiet li bdiet tirriskontra s-soċjeta' rikorrenti mal-intimati, d-diskussjonijiet għas-servizzi ta' l-intimati fil-proġett twaqqfu fit-22 ta' Diċembru 2016 (fol 112).

33. Jirriżulta illi fl-24 ta' Mejju 2017, it-tħassib tas-soċjeta' rikorrenti ġie ppruvat korrett, hekk kif il-Periti Svizzeri Herzog & Demeuron għarrfu lis-soċjeta' rikorrenti illi l-proġett tal-'Metropolis Skygardens' kif propost mill-intimati kellu somiljanzi kbar mal-proġett minnhom magħmul imsejjaħ 'Beirut Terraces' u għarrfu lis-soċjeta' rikorrenti illi kemm huma kif ukoll is-sidien tal-Beirut Terraces kienu qed jirriservaw id-drittijiet legali tagħhom fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti (fol 130).

34. Jirriżulta illi fit-8 ta' Frar 2017, l-intimati rreġistraw Privileġġ Speċjali u Ipoteka Legali Speċjali Nru 2500/2017 kontra s-soċjeta' rikorrenti, fejn il-Kreditu ġie deskritt kif ġej:

*Is-somma ta' miljun, ħames mija wieħed u erbgħin elf, mitejn u erbatax-il euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€1,541,214.39) rappreżentanti spejjeż u prezz għal xogħolijiet professionali reżi mill-kreditur proprio et nomine bħala arkitett fuq l-immobbli deskritt aktar 'l isfel di proprjeta tas-soċjeta' debitriċi u dan fuq inkarigu tal-istess soċjeta' debitriċi, liema xogħolijiet professjonali ġew terminati fit-tlieta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (23/12/2016).*

35. Jirriżulta, mill-provi mressqa, illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma qabbdet lill-intimati sabiex jagħmlu xogħolijiet professjonali kif indikat f'tali iskrizzjoni w l-intimati ma ressqu ebda prova quddiem dina l-Qorti sabiex tikkonferma illi kienu għamlu xogħolijiet professjonali għas-soċjeta' rikorrenti, liema xogħolijiet kienu jammontaw għal miljun, ħames mija wieħed u erbgħin elf, mitejn u erbatax-il euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€1,541,214.39) kif minnhom indikat fl-Iskrizzjoni 2500/2017.

36. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi filwaqt li l-intimati kienu attendew u rebħu kompetizzjoni intiż biex iressaq proposta ta' żvilupp ġewwa s-sit propjeta' tas-soċjeta' rikorrenti fil-Gżira, dana ma wassalx għall-ftehim finali dwar servizzi illi kellhom jiġu reżi mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti.

37. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien jispetta lill-intimati jressqu l-provi dwar is-servizzi minnhom reżi, liema provi huma qatt ma ressqu.

38. Għalhekk, mill-assjem tal-provi kif prodotti quddiem dina l-Qorti, jirriżulta illi t-talba attriċi kif dedotta timmerita illi tiġi milqugħa peress illi l-Iskrizzjoni Ipotekarja 2500/2017 saret abussivament u illegalment.

## KONKLUŻJONI

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha intimati;

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti;

**Tiddikjara** li l-privileġġ speċjali u l-ipoteka legali speċjali fil-volum bl-ittra "H" u bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, iskritti fit-8 ta' Frar 2017 fuq l-art li qabel kienet okkupata minn kumpless ta' bini konsistenti f'garaxxijiet, imħażen, uffiċini u 'showroom' lkoll magħrufa bħala "Mira Buildings", ġia magħrufa bħala "Mamo Complex" bl-entrata prinċipali minn numru mija u tmienja u erbgħin (148), f'Rue D'Argens, Gżira, xi drabi indikat ukoll bħala li jinsab fil-limiti tal-Imsida u li għandu entraturi oħra mingħajr isem u mingħajr numri fit-toroq hawn taħt imsemmija, liema kumpless jikkonfina mill-Lvant ma' Triq Testaferrata, mill-Punent ma' Rue D'Argens, mit-Tramuntana ma' Triq Enrico Mizzi u minn Nofsinhar ma' Triq Giorgio Mitrovich, liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż l-arja sovrastanti u l-basement u l-ġibjun sottostanti bil-kejl approssimattiv ta' sebat elef metri kwadri (7000 m.k.) kif aħjar deskritta fuq in-nota ta' iskrizzjoni a fol 6, saru abbusivament u llegalment;

**Tordna** lill-intimati jikkanċellaw, a spejjeż tagħhom, il-privileġġ speċjali u l-ipoteka legali speċjali fil-volum bl-ittra “H” bin-Numru Progressiv 2500 tas-sena 2017, iskritti fit-8 ta’ Frar 2017 fuq l-immobbli deskritta fl-ewwel talba u kif aħjar deskritta fuq in-nota ta’ iskrizzjoni a fol 6 entro tlett xhur mil-lum.

**Taħtar** in-Nutar Pubbliku Dr Robert John Muscat sabiex jippubblika l-att ta’ kanċellament relattiv.

**Taħtar** lill Dr Richard Sladden bħala kuratur deputat sabiex, fin-nuqqas li l-intimati, jew min minnhom, jonqsu milli jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv, jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċji fuq l-att konċernat.

**Bl-ispejjeż** kollha kif mitluba, inkluż tal-pubblikazzjoni tal-att tal-kanċellament u spejjeż ancillari ma’ tali att, kontra l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**